L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-eżaminaturi għandhom isegwu l-proċedura ta' dan l-iskript biss, inklużi l-ħin ta' kull taqsima u l-mistoqsijiet. Għal skop ta' standardizzazzjoni, fl-ebda mument ma jistgħu joħorġu b'xi mistoqsijiet li mhux qegħdin f'dan l-iskript. L-eżaminaturi ma jistgħux jistaqsu mistoqsijiet personali u ma jistgħux jgħaddu kummenti fuq kif marru l-kandidati.

### IL-PROĊEDURA

**Il-preparazzjoni** - Din trid issir barra l-kamra tal-eżami.

L-inviġilaturi jagħżlu 2 titli minn 3 (din l-għażla għandha tinbidel għal kull kandidat/a) u juruhom lill-kandidati. Il-kandidati jkollhom 30 sekonda biex jagħżlu titlu. Malli l-kandidati jagħżlu titlu, l-inviġilaturi jagħtuhom it-test skont it-titlu magħżul u jgħidulhom li ma jistgħux jibdlu l-għażla tagħhom. Jgħidulhom ukoll li għandhom ftit ħin biex jaqraw f'qalbhom it-test marbut mat-titlu. Din il-karta għandha tingħata lura lill-inviġilaturi qabel il-kandidati jidħlu fil-kamra tal-eżami.

**L-introduzzjoni qasira**

**Malli jidħlu l-kandidati l-eżaminaturi jgħidu:**

L-għodwa t-tajba/Il-waranofsinhar it-tajjeb. Liema titlu għażilt?

**Il-qari b'vuċi għolja (2 minuti, 8 marki)**

L-eżaminaturi jitolbu lill-kandidati jaqraw b'vuċi għolja t-test li għażlu. F'każ li l-kandidati jdumu iktar minn żewġ minuti biex jaqraw it-test sħiħ, l-eżaminaturi jwaqqfu din il-parti u jgħaddu għat-taqsima li jmiss. F'każ li l-eżaminaturi jaraw li l-kandidati qed ibatu ħafna biex jaqraw it-test, jistgħu jwaqqfu din it-taqsima wara 30 sekonda. Fl-ebda mument l-eżaminaturi ma jistgħu jgħinu lill-kandidati fil-qari.

**L-intervista (8 minuti, 12-il marka)**

Wara li jitlesta l-qari, l-eżaminaturi jkomplu jaqraw l-istqarrija u jkomplu bil-mistoqsijiet.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-ISKEMA TAL-MARKI TAL-ORAL**

L-eżaminaturi għandhom jużaw din l-iskema tal-marki, maqsuma fi tnejn: waħda għall-qari b'vuċi għolja u l-oħra għall-intervista.

**A.**

| **Il-kompetenza fil-qari b'vuċi għolja** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jippronunzjaw il-kliem b'Malti standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jaqraw bis-sens (jiġifieri jirrispettaw it-ton li hemm fis-silta). | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jaqraw b'mod mexxej (jiġifieri jirrispettaw il-punteġġjatura). | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jaqraw in-numri fis-silta. (Il-kandidati jieħdu l-marka jekk jaqraw iż-żewġ numri b'mod tajjeb.) | 0-2 |
| It-total | | 8 |

**B.**

| **Il-kompetenza fit-tweġib tal-mistoqsijiet tal-intervista** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jużaw pronunzja standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jwieġbu b'mod relevanti kull mistoqsija. | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jagħtu opinjoni/jiet u r-raġuni/jiet fuq it-tema. | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jipotizzaw sitwazzjoni mit-tagħrif li jingħatalhom u joffru soluzzjoni/jiet possibbli. | 0-2 |
| 5. | Kapaċi jużaw Malti idjomatiku. | 0-2 |
| 6. | Kapaċi jużaw lessiku xieraq fid-diskors tagħhom. | 0-2 |
| It-total | | 12 |

Fit-taqsima tal-intervista l-kandidati ma jistgħux iġibu iżjed minn 6 marki jekk:

- il-Malti tagħhom huwa batut ħafna, jiġifieri miżgħud bi żbalji grammatikali u/jew lessikali (billi, ngħidu aħna, idaħħlu kliem mill-Ingliż mingħajr bżonn), u/jew ikunu qatgħu fil-qosor wisq it-tweġibiet tagħhom.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

### Tema A: Ir-ritratti rranġati u s-saħħa mentali

Studenta universitarja ta' 24 sena minn Swansea rriċerkat ir-rabta bejn l-irranġar tar-ritratti, jiġifieri l-filtering, u s-saħħa mentali tal-udjenza li tara dawn ir-ritratti fuq il-midja soċjali. Skontha l-ikbar ħsara qed issir għax qed niġu ppreżentati b'xi ħaġa li mhijiex reali, iżda li moħħna jipperċepixxi bħala vera. Ir-riċerkatriċi impressjonat ruħha bl-ammont ta' persuni li ma baqgħux jieklu biex jidhru bħall-idoli tagħhom fir-ritratti li jaraw fuq il-midja soċjali. Fi studju ieħor instab li 55% tal-persuni li jirrikorru għal trattament mediku biex ibiddlu d-dehra tagħhom talbu għal tibdil kożmetiku li jgħinhom jidhru aħjar meta jieħdu selfie. Minn dawn l-istudji ħareġ li t-tfajliet u n-nisa huma l-iktar li jintlaqtu minn dan il-fenomenu.

*(Silta tradotta u addattata minn* "Mental health: Altered images on social media 'detrimental'," *Awwissu 2021; https://www.bbc.com/news/uk-wales-58153556)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq ir-ritratti u s-saħħa mentali. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "Minn dawn l-istudji ħareġ li t-tfajliet u n-nisa huma l-iktar li jintlaqtu minn dan il-fenomenu."**

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Għal liema raġuni taħseb li l-moħħ jipperċepixxi dak li jara bħala reali, anke jekk konxju li jista' jkun irranġat?**
3. **Taħseb li verament qed issir ħsara lis-saħħa mentali tagħna minħabba l-użu tal-filtering fir-ritratti? X'tip ta' ħsara qed issir?**
4. **Taqbel mal-idea li wieħed jagħmel trattamenti mediċi sempliċement biex ikun jidher aħjar f'ritratt? Għaliex?**
5. **X'taħseb li nistgħu nagħmlu biex innaqqsu l-effett tal-midja soċjali fuq is-saħħa mentali tagħna?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta’ Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

### Tema B: Id-donazzjoni tal-organi

Trapjant ta’ organi, ċelloli jew tissues ta’ persuna waħda għandhom il-potenzjal li jsalvaw aktar minn persuna waħda. Fuq is-sit tagħhom, il-Malta Organ Donation, jagħtu spjega ta’ kif persuna waħda tista’ ssalva madwar 8 persuni. Bħalissa f’Malta nużaw sistema ta’ ‘Opt-In’, fejn persuna ta’ aktar minn 16-il sena tkun tista’ tagħmel donazzjoni tal-organi tagħha wara mewtha. F’sitwazzjoni ‘Opt-In’ l-individwi jridu jirreġistraw minn jeddhom biex jagħtu l-kunsens u jsiru donaturi tal-organi. Permezz ta’ din ir-reġistrazzjoni, huma jindikaw ir-rieda tagħhom li jagħtu l-organi wara mewthom. Mingħajr dan il-kunsens, l-organi ma jistgħux jintużaw għal skopijiet ta’ trapjant. Fis-sistema ‘Opt-Out’ l-individwi jitqiesu bħala donaturi potenzjali ta' organi b'mod awtomatiku wara mewthom. Dan sakemm ma jirreġistrawx speċifikament l-oġġezzjoni tagħhom.

*(Silta addattata minn* “Bla donaturi tal-organi, imma t-tobba mhux kollha konvinti mill-emenda tal-’opt-out’”*, 18 ta’ Marzu 2024; www.illum.com.mt)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq id-donazzjoni tal-organi. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: Fis-sistema ‘Opt-Out’ l-individwi jitqiesu bħala donaturi potenzjali ta' organi b'mod awtomatiku wara mewthom.”**

1. **Taqbel ma’ din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Għaliex taħseb li wieħed jista’ japplika biex jagħmel donazzjoni tal-organi wara s-16-il sena u mhux qabel?**
3. **Taħseb li wieħed għandu jingħata l-għażla ta’ liema organi jixtieq jagħti bħala donazzjoni? Għaliex?**
4. **Taqbel li l-organi għandhom jittieħdu dejjem bil-kunsens ta’ sidhom? Għaliex?**
5. **Kif taħseb li nistgħu nħeġġu iktar persuni jinkitbu bħala donaturi tal-organi?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-EŻAMINATURI**

**Tema Ċ: Talent jew etika tax-xogħol?**

In-nies iħobbu jiddibattu dwar x'inhu l-aktar importanti: li titwieled b'talent jew li jkollok etika kbira tax-xogħol? It-tweġiba faċli hija li l-aħjar ikollna mit-tnejn, iżda ma nistgħux inkunu lkoll kemm aħna xi Michael Jordan jew Kobe Bryant. Fil-ħajja diffiċli tibbaża 100% fuq it-talent, għax irid ikun hemm bilanċ ta' 50% talent u n-nofs l-ieħor ħidma sfiqa. Fl-isport huwa pjuttost faċli li ssir differenza bejn il-plejers b'talent u dawk li jaħdmu iebes u jqattgħu iktar ħin jipprattikaw, għax hemm riżultat, u wieħed ikejjel is-suċċess skont kemm jiskorja jew jiġi l-ewwel f'tellieqa. Hemm skor u kampjonat. F'aspetti oħra tal-ħajja, bħan-negozju, huwa kemxejn iktar diffiċli biex tagħraf id-differenza.

*(Silta addattata minn* "Talent vs Etika tax-Xogħol"*, 24 ta' Frar 2024; https://mt.dxppf.com/news/talent-vs-work-ethic-76454583.html)*

Qabel jibdew il-mistoqsijiet l-eżaminaturi jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs.

L-eżaminaturi jgħidu:

**Int għażilt li titkellem fuq it-talent u l-etika tax-xogħol. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "Fil-ħajja diffiċli tibbaża 100% fuq it-talent..."**

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Taqbel mal-idea li fl-isport iktar faċli tagħraf bejn atleti li jibbażaw biss fuq it-talent u atleti li jaħdmu iktar biex itejbu l-ħiliet tagħhom? Għaliex?**
3. **Taħseb li tista' tkun tajjeb mingħajr ebda talent fix-xogħol li tagħmel? Kif u għaliex?**
4. **Taqbel mal-kunċett li r-riżultat aħħari jiddefinixxi l-kapaċitajiet tiegħek? Għaliex?**
5. **Kif taħseb li jista' jgħinek it-talent f'oqsma differenti tal-ħajja? It-talent biss biżżejjed?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta’ Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema A: Ir-ritratti rranġati u s-saħħa mentali

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema A: Ir-ritratti u s-saħħa mentali**

Studenta universitarja ta' 24 sena minn Swansea rriċerkat ir-rabta bejn l-irranġar tar-ritratti, jiġifieri l-filtering, u s-saħħa mentali tal-udjenza li tara dawn ir-ritratti fuq il-midja soċjali. Skontha l-ikbar ħsara qed issir għax qed niġu ppreżentati b'xi ħaġa li mhijiex reali, iżda li moħħna jipperċepixxi bħala vera. Ir-riċerkatriċi impressjonat ruħha bl-ammont ta' persuni li ma baqgħux jieklu biex jidhru bħall-idoli tagħhom fir-ritratti li jaraw fuq il-midja soċjali. Fi studju ieħor instab li 55% tal-persuni li jirrikorru għal trattament mediku biex ibiddlu d-dehra tagħhom talbu għal tibdil kożmetiku li jgħinhom jidhru aħjar meta jieħdu selfie. Minn dawn l-istudji ħareġ li t-tfajliet u n-nisa huma l-iktar li jintlaqtu minn dan il-fenomenu.

*(Silta tradotta u addattata minn* "Mental health: Altered images on social media 'detrimental'," *Awwissu 2021; https://www.bbc.com/news/uk-wales-58153556)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2026 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema B: Id-donazzjoni tal-organi

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema B: Id-donazzjoni tal-organi**

Trapjant ta’ organi, ċelloli jew tissues ta’ persuna waħda għandhom il-potenzjal li jsalvaw aktar minn persuna waħda. Fuq is-sit tagħhom, il-Malta Organ Donation, jagħtu spjega ta’ kif persuna waħda tista’ ssalva madwar 8 persuni. Bħalissa f’Malta nużaw sistema ta’ ‘Opt-In’, fejn persuna ta’ aktar minn 16-il sena tkun tista’ tagħmel donazzjoni tal-organi tagħha wara mewtha. F’sitwazzjoni ‘Opt-In’ l-individwi jridu jirreġistraw minn jeddhom biex jagħtu l-kunsens u jsiru donaturi tal-organi. Permezz ta’ din ir-reġistrazzjoni, huma jindikaw ir-rieda tagħhom li jagħtu l-organi wara mewthom. Mingħajr dan il-kunsens, l-organi ma jistgħux jintużaw għal skopijiet ta’ trapjant. Fis-sistema ‘Opt-Out’ l-individwi jitqiesu bħala donaturi potenzjali ta' organi b'mod awtomatiku wara mewthom. Dan sakemm ma jirreġistrawx speċifikament l-oġġezzjoni tagħhom.

*(Silta addattata minn* “Bla donaturi tal-organi, imma t-tobba mhux kollha konvinti mill-emenda tal-’opt-out’”*, 18 ta’ Marzu 2024; www.illum.com.mt)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2025 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

# Tema Ċ: Talent jew etika tax-xogħol?

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Tema Ċ: Talent jew etika tax-xogħol?**

In-nies iħobbu jiddibattu dwar x'inhu l-aktar importanti: li titwieled b'talent jew li jkollok etika kbira tax-xogħol? It-tweġiba faċli hija li l-aħjar ikollna mit-tnejn, iżda ma nistgħux inkunu lkoll kemm aħna xi Michael Jordan jew Kobe Bryant. Fil-ħajja diffiċli tibbaża 100% fuq it-talent, għax irid ikun hemm bilanċ ta' 50% talent u n-nofs l-ieħor ħidma sfiqa. Fl-isport huwa pjuttost faċli li ssir differenza bejn il-plejers b'talent u dawk li jaħdmu iebes u jqattgħu iktar ħin jipprattikaw, għax hemm riżultat, u wieħed ikejjel is-suċċess skont kemm jiskorja jew jiġi l-ewwel f'tellieqa. Hemm skor u kampjonat. F'aspetti oħra tal-ħajja, bħan-negozju, huwa kemxejn iktar diffiċli biex tagħraf id-differenza.

*(Silta addattata minn* "Talent vs Etika tax-Xogħol"*, 24 ta' Frar 2024; https://mt.dxppf.com/news/talent-vs-work-ethic-76454583.html)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## Il-Lingwa u l-Lingwistika

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

### TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Tassew li l-investiment jgħin biex l-isport professjonali jitjieb fil-kwalità u jkollu appell globali, imma bosta jilmentaw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-assoċjazzjonijiet sportivi qed jiġu ddettati mill-qligħ, u każi ta' korruzzjoni mhumiex rari lanqas. L-integrità fl-isport għadha possibbli? Iddiskuti.

**JEW**

2. Il-fanatiżmu, kemm fl-isfera lokali u kemm f'dik internazzjonali, joħnoq it-tolleranza billi jċajpar il-viżjoni u jiddemonizza lil "tan-naħa l-oħra". Id-differenzi politiċi u reliġjużi, fost l-oħrajn, spiss iwasslu għal kunflitti jekk ma nifhmuhomx b'mod matur. Iddiskuti.

**JEW**

3. Għalkemm tat vuċi lil kulħadd, hawn min isostni li l-midja soċjali tpoġġi fl-istess keffa lil min hu espert u lil min mhuwiex, bla ma tagħmel differenza bejn l-opinjoni ta' min jifhem u ta' min jikkummenta bla ma jqis. Taħseb li din hija forma ta' demokrazija, jew inkella tnawwir tal-awtorevolezza ta' min hu tassew kompetenti? Iddiskuti.

**JEW**

4. Il-ħuta ż-żgħira qatt ma kielet lill-kbira. Wara l-esperjenza ta' żewġ gwerer dinjija fis-seklu għoxrin, ħsibna li tgħallimna, imma l-ordni internazzjonali donnu jinsab mhedded mill-ġdid bil-mentalità ta' min jiflaħ, iħawwel. Jidhirlek li tassew ninsabu f'sitwazzjoni perikoluża jew qed nimlew rasna bla bżonn? Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IL-QARI**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

X'inhu l-valur tal-attenzjoni li nirċievu minn bniedem ieħor, barra miċ-ċirku tal-familja u l-ħbieb? X'jiġri meta n-nies jiltaqgħu flimkien fil-ħajja ċivika jew kummerċjali ta' kuljum, u għaliex huwa ta' siwi? Waqt li qed jinfirxu b'rata mgħaġġla l-kampanji favur l-effiċjenza, il-ġbir tad-dejta u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali f'impjiegi li jinvolvu l-kuntatt uman, bħat-terapija u l-edukazzjoni, dawn il-mistoqsijiet saru importanti iktar minn qatt qabel. (par. 1)

Il-benefiċċji tal-interazzjoni umana ma jistgħux jitkejlu kif ġieb u laħaq u għalhekk spiss jiġu injorati, waqt li l-ħiliet ta' kif noħolqu kuntatt ma' xulxin tqiesu għal żmien twil bħala kwalitajiet femminili, u għalhekk spiss jiġu sottovalutati. Mir-riċerka tiegħi dwar dawn il-kuntatti u kif jinħolqu, sibt li bosta xogħlijiet – mill-edukazzjoni, it-terapija u l-kura primarja, sal-kummerċ, il-management u l-liġi – jiddependu fuq il-kuntatt wiċċ imb wiċċ u għalhekk jistħoqqilhom l-isem ta' "xogħol li joħloq il-kuntatti". (par. 2)

Dan it-tip ta' xogħol ma jiswiex biss biex nilħqu l-miri tagħna, bħal meta nifhmu l-alġebra, nikkontrollaw id-dijabete jew nitgħallmu kif nikkontrollaw l-ansjetà. Jiswa fuq kollox biex naraw lil ħaddieħor u ħaddieħor jarana, u dan għandu effetti qawwija fuqna bħala individwi u fuq il-komunità li ngħixu fiha. Riċerkaturi mill-Università ta' Sussex, ngħidu aħna, urew li persuni li waqfu biex jgħidu kelma ma' min serviehom f'xi bar ħassewhom aħjar minn dawk li telqu 'l barra mgħaġġlin. Importanti li napprezzawhom dawn l-effetti: waqt li d-dinja tinsab f'tellieqa biex tissostitwixxi x-xogħol li jlaqqa' n-nies b'forom mekkanizzati, jeħtieġ li nifhmu x'qed nissugraw li nitilfu. (par. 3)

L-ewwel nett, il-kuntatt man-nies joħloq ċerta dinjità għax iwassal l-idea li persuna hija denja li taraha persuna oħra. Mara li kienet tmexxi programm dwar ħiliet imprenditorjali ma' eks priġunieri f'Kalifornja, li matulu kienet tlaqqagħhom ma' tuturi fi gruppi żgħar, qalet li dawn l-irġiel għall-bidu kienu jbatu biex iħossuhom komdi bl-attenzjoni li kienu jirċievu. Kienu jistaqsu: "Jiġifieri int trid tkun taf kif naħsibha jien? Tassew se nitkellmu dwar dak li nixtieq nagħmel jien?" Il-programm għen lil dawn l-irġiel jinbidlu permezz tal-qawwa tal-attenzjoni umana. (par. 4)

Tista' tinstema' klixè li l-attenzjoni għandha l-qawwa li tispira lil ħaddieħor, imma forsi ftit jafu li dawn l-effetti jaħdmu b'mod reċiproku. Tabiba fil-qasam tal-kura primarja sostniet li kollox jiddependi minn relazzjoni ta' fiduċja: "Il-fiduċja tnissel qawwa fir-relazzjoni. Inħossni onorata u xortija tajba li nagħmel dan ix-xogħol, u minnu nirċievi daqskemm inkun qed nagħti lil ħaddieħor." (par. 5)

Fl-aħħar nett, bniedem jgħin lil ieħor jifhem aħjar lilu nnifsu. Kap ta' skola saħaq li "Kull tifel u tifla għandhom bżonn l-attenzjoni. Ma naħsibx li t-tfal se jinteressaw ruħhom fil-kontenut qabel ma jħossu li l-għalliema tagħhom qed jarawhom u jagħtu kashom." (par. 6)

Riżultati bħad-dinjità, il-motivazzjoni u l-komprensjoni għandhom sens profond għall-persuni konċernati. Imma l-attenzjoni kapaċi trodd riżultati fuq skala usa'. Studju reċenti fost eks priġunieri f'Chicago sab li l-għarfien interpersonali minn mexxejja tal-komunità lokali għenhom iħossu li anke huma għandhom post fis-soċjetà. Waħda minnhom stqarret li issa taf li hija wkoll għandha xi ħaġa ta' valur xi tgħid. L-għoti tal-attenzjoni għandu konsegwenzi politiċi, għax min iħossu injorat iktar hemm ċans li jintrikeb minn sentimenti populisti ta' għadab, waqt li r-rikonoxximent irawwem sentimenti ta' appartenenza li jirfdu l-komunità. (par. 7)

Naturalment, il-bnedmin kapaċi wkoll jagħrfu lil xulxin b'mod żbaljat. Il-preġudizzju jista' jfixkel din il-konnettività u jnissel sens ta' mistħija f'waqtiet ta' vulnerabbiltà. Imma kif qaluli t-terapisti, jekk persuna tipprova taħrab il-mistħija billi tirrikorri għal kumpanija jew terapija bl-intelliġenza artifiċjali, aktarx li qatt ma jirnexxilha tieqaf fuq riġlejha. Ikun aktar ta' ġid li nġarrbu l-mistħija ma' xi ħadd li jakkumpanjana milli naħarbu minnha, għax parti mill-qawwa tal-interazzjoni umana tiġi mir-riskju li ninfetħu għal xulxin. (par. 8)

Ħafna qed iduru lejn it-teknoloġija biex isolvu problemi maħluqa min-nuqqas ta' riżorsi umani u mit-tellieqa għal aktar effiċjenza, sinjal ċar li dak li l-bnedmin jikkontribwixxu għal xulxin għadna m'aħniex nifhmuh biżżejjed. Għalhekk jeħtieġ intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jlaqqa' n-nies, filwaqt li nimponu "kriterji ta' kuntatt" li jgħinuna niddeċiedu liema tip ta' intelliġenza artifiċjali għandna ninkoraġġixxu u liema għandna nrażżnu, jiġifieri dik li tindaħal fir-relazzjonijiet umani f'setturi bħall-edukazzjoni u l-kura primarja. Fuq kollox irridu niddeċiedu kemm għandu valur il-kuntatt uman f'ħajjitna u fil-ħajja ta' dawk ta' madwarna. (par. 9)

*(Adattament tal-artiklu "I set out to study which jobs should be done by AI – and found a very human answer" ta' Allison Pugh, li deher fis-sit theguardian.com fil-21 ta' Jannar 2025.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, il-kuntatt uman:
   a. huwa soluzzjoni li ma tfalli qatt.
   b. jista' jiġi sostitwit parzjalment mill-intelliġenza artifiċjali.
   ċ. huwa indispensabbli imma jinvolvi ċerti riskji.
   d. joħloq il-problemi iktar milli jsolvihom.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. L-espressjoni **kif ġieb u laħaq** fis-sentenza: "Il-benefiċċji tal-interazzjoni umana ma jistgħux jitkejlu kif ġieb u laħaq u għalhekk spiss jiġu injorati, waqt li l-ħiliet ta' kif noħolqu kuntatt ma' xulxin tqiesu għal żmien twil bħala kwalitajiet femminili, u għalhekk spiss jiġu sottovalutati." (par. 2) tfisser:
      i. mill-ewwel
      ii. faċilment
      iii. b'mod preċiż
      iv. mingħajr evidenza

   b. Il-kelma **denja** fis-sentenza: "L-ewwel nett, il-kuntatt man-nies joħloq ċerta dinjità għax iwassal l-idea li persuna hija denja li taraha persuna oħra..." (par. 4) tfisser:
      i. inqas importanti
      ii. aktar vulnerabbli
      iii. mhix interessata
      iv. jistħoqqilha

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

ċ. L-espressjoni idjomatika **tieqaf fuq riġlejha** fis-sentenza: "Imma kif qaluli t-terapisti, jekk persuna tipprova taħrab il-mistħija billi tirrikorri għal kumpanija jew terapija bl-intelliġenza artifiċjali, aktarx li qatt ma jirnexxilha tieqaf fuq riġlejha." (par. 8) tfisser:
   i. tegħleb il-problema
   ii. tieħu dak li hu tagħha
   iii. issostni l-punt tagħha
   iv. tipprotesta

d. Il-kelma **nġarrbu** fis-sentenza: "Ikun aktar ta' ġid li nġarrbu l-mistħija ma' xi ħadd li jakkumpanjana, milli naħarbu minnha, għax parti mill-qawwa tal-interazzjoni umana tiġi mir-riskju li ninfetħu għal xulxin." (par. 8) tfisser:
   i. nippruvaw
   ii. nesperjenzaw
   iii. nirrifjutaw
   iv. nanalizzaw

3. Ikteb taqsira ta' **bejn 80 u 90 kelma** dwar il-benefiċċji ewlenin tal-kuntatt uman. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** fatturi mis-silta li taħseb li qed idgħajfu l-kuntatt uman fil-qasam tax-xogħol u uri r-rabta ta' bejniethom. (3)

5. Fis-silta jingħad li għandna "nimponu 'kriterji ta' kuntatt' li jgħinuna niddeċiedu liema tip ta' intelliġenza artifiċjali għandna ninkoraġġixxu u liema għandna nrażżnu" (par. 9). Sib **ŻEWĠ** raġunijiet li jwasslu lill-awtriċi għal din il-konklużjoni, u ssuġġerixxi kriterju li bih jista' jingħażel tip minn ieħor. (3)

6. Fl-opinjoni tiegħek, x'inhi l-attitudni tal-awtriċi tas-silta lejn l-intelliġenza artifiċjali? Agħti r-raġunijiet tiegħek billi tirreferi għas-silta. (3)

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. L-integrazzjoni tal-elementi ewlenin li jsawru l-Malti tmur lil hinn mil-livell lessikali u tidher saħansitra fil-livell morfoloġiku. Iddiskuti u saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji xierqa. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

**JEW**

2. Agħti ħjiel tat-tiswir u l-iżvilupp tal-ilsien Malti mill-bidu sa żmienna. Saħħaħ bl-eżempji dak li tkun qed tfisser. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, xi drabi Oliver Friggieri jindirizza lil nies viċin tiegħu, u r-relazzjonijiet privati jsiru pubbliċi. Uri kif, bis-saħħa tat-teknika poetika u l-lingwaġġ figurattiv, joħorġu emozzjonijiet qawwija.

**JEW**

2. Il-poeżiji ta' Oliver Friggieri ġieli jixhdu burdata pessimista. Irreferi għal xi poeżiji mill-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* biex turi kif it-ton u l-lingwaġġ figurattiv jittrażmettu din il-burdata li ħafna drabi mhix iddikjarata b'mod espliċitu.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fi wħud mill-poeżiji ta' Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna*, tissawwar tensjoni bejn il-ħajja u l-mewt. Iddiskuti kif tinħoloq u x'effetti tħalli billi tirreferi għal mill-inqas żewġ xogħlijiet.

**JEW**

2. F'*Xi Drabi Mqar Persuna*, il-postijiet u l-ispazji bħat-toroq, id-dar, il-klinika u l-oasi, isiru mkejjen metaforiċi li bis-saħħa tagħhom Simone Galea tesplora esperjenzi personali jew realtajiet soċjali. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel poeżija WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ "tirrakkuntax" il-poeżija magħżula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similitudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.**

(i)

**Meta jonfoħ ir-riħ**

Meta jonfoħ ir-riħ
u l-weraq-imwaqqa'
bla ħajja jitkaxkar
bħal ħajti-moħlija
fit-toroq tal-ħajja
Jiena
nħoss u ma nifhimx
nixtieq nibki
u
u ma nibkix
U
ma' kull meta li jonfoħ ir-riħ
ma' kull werqa li taqa'
ma' kull demgħa li ma
                                        taqbiżx
Inħalli lir-riħ
ilissen għalija
Dan
il-biki li ma nibkix
dawn il-ħsus li ma nifhimx
ta' din il-ħajja-moħlija
fuq il-midbaħ ta'
sagrifiċċju-mitluf.

(Doreen Micallef, mill-ġabra *Doreen Micallef: Il-Poeżiji)*

**JEW**

(ii)

**Sospensjoni**

Għal lejl sħiħ
ma qatgħet xejn il-borra.

Mas-sebħ
is-silenzju faqgħalna
t-tnabar ta’ widnejna

u ġo fina nkixfet
natura sospiża
bejn l-għarfien u l-misteru.

Mank nifs
mill-friegħi taħt il-piż milwija,
mank ċaqliqa.

Bil-ħin
iffriżat fuq xofftejna
kull kelma tmut
qabel tinħolom.

(Gioele Galea, mill-ġabra *Għera)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'*Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici nsibu ġrajja mimlija ambizzjoni, passjoni u anki mibegħda. Kemm nistgħu ngħidu li dan huwa rumanz 'traġiku'?

**JEW**

2. Kif nistgħu ninterpretaw l-isem tar-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici? Fuq liema 'ħelsien' qed jitkellem? Jista' jkun li hemm aktar minn sura waħda ta' 'ħelsien'?

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fl-antoloġija *Xemgħat*, Trevor Żahra jlaqqagħna ma' diversi karattri strambi u eċċentriċi. Iddiskuti kif isawwar dawn il-karattri u kif iġegħluna nirriflettu fuq ir-realtà tagħna bħala bnedmin.

**JEW**

2. F'xi novelli fl-antoloġija *Xemgħat*, Trevor Żahra joħloq xeni makabri jew tal-biża'. Iddiskuti x'effetti jħallu dawn ix-xeni fuq il-karattri.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fid-dramm *Karnival*, Francis Ebejer ilaqqagħna ma' żewġ familji tassew differenti minn xulxin. X'jirrappreżentaw dawn il-familji fil-kuntest soċjali u kulturali Malti?

**JEW**

2. Id-dramm *Karnival* jibni kuntrast qawwi bejn il-qadim u l-modern, bejn valuri meqjusa bħala tradizzjonali u valuri kontemporanji, u bejn ġenerazzjoni antika u ġenerazzjoni ġdida. B'liema mod Francis Ebejer jirnexxilu joħloq dawn il-kuntrasti?

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.